

## Insaħħu l-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura


Il-Kontribut tal-Kummissjoni fl-Ikla ta' F'idma tal-Mexxejja Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017

#FutureOfEurope #EURoad2Sibiu

## L-GĦALLIEMA

### DAK LI JEŻISTI LLUM

- ▶ **Il-programm Erasmus+ jappoġġa** l-iżvilupp professjonali tal-persunal tal-iskejjel involut fl-edukazzjoni skolastika ta' qabel il-primarja, tal-primarja u tas-sekondarja.
- ▶ **eTwinning** huwa l-akbar netwerk tal-għalliema fid-dinja mill-iskejjel ta' qabel il-primarja sa dawk sekondarji. Dan il-programm jippermetti lill-għalliema joħolqu proġetti konġunti. eTwinning itejjeb il-kompetenzi tal-għalliema u tal-istudenti u huwa kruċjali biex jibni sens ta' appartenenza Ewropea.

 <p><b>Sitt miljun</b> għalliem fl-Ewropa</p>	<ul style="list-style-type: none"><li>▶ <b>Aktar minn 500 000 għalliem irreġistraw fin-netwerk tal-għalliema ta' eTwinning.</b></li><li>▶ <b>Ħadu sehem 4 minn kull 10 skejjel.</b></li><li>▶ <b>Kien hem aktar minn 60 000 proġett</b> fin-netwerk tal-għalliema eTwinning mit-tnedija tiegħu fl-2005, li jkopru l-Istati Membri kollha</li><li>▶ <b>Mal-170 000 għalliem u persunal tal-iskejjel ibbenefikaw mill-programm Erasmus+</b> li ppermettilhom jgħallmu u jitgħallmu barra l-pajjiż.</li></ul>
--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------


### KISBIET EWLENIN SA ISSA

- ▶ **Il-kooperazzjoni politika u t-tagħlim bejn il-pari** fost l-Istati Membri wassal għall-iżvilupp ta' prinċipji ta' gwida għall-iżvilupp professjonali tal-għalliema.

### SFIDI

**Il-paga, l-istatus kuntrattwali u l-prospetti ċari tal-karriera** huma importanti għall-attraenza tal-professjoni. F'ċerti Stati Membri, ix-xogħol tal-għalliem imur minn taħt meta mqabbel ma' professjonijiet oħra fil-kompetizzjoni għall-aħjar kandidati. Bħala medja, l-għalliema fl-UE jaqalgħu **14 % inqas** minn ħaddiema oħrajn bl-istess livell ta' edukazzjoni (edukazzjoni terzjarja). L-għalliema huma mħassba dwar il-kwalità tal-preparazzjoni u tal-induzzjoni tagħhom u jridu opportunitajiet għall-karriera aħjar. It-titjib fl-attraenza tal-professjoni tal-għalliema hija neċessità fil-parti l-kbira tal-Istati Membri.

## Is-salarji reali tal- għalliema kollha, meta mqabbla mad- dħul għal ħaddiema full-time b'edukazzjoni terzjarja



Sors: OECD, 2017

## X'JISTA' JSIR FIS-SENTEJN LI JMISS?

- ▶ In-**netwerk eTwinning** huwa aktar żviluppat f'xi Stati Membri (l-Italja) milli f'oħrajn (il-Ġermanja) b'parteċipazzjoni ta' 10% biss tal-għalliema Ewropej. Dan jista' jittejjeb billi:
  - ▷ jiġi multiplikat l-għadd ta' għalliema parteċipanti u skejjel, li min naħa tiegħu jimmultiplika l-iskambji virtwali fl-Ewropa bil-mira ta' 600 000 utent sal-2020;
  - ▷ inkoraġġiment lill-Istati Membri biex jinkorporaw l-iskambji virtwali bħala element standard fil-politika edukattiva tal-iskejjel nazzjonali tagħhom. L-Italja, il-Litwanja, Malta u l-Polonja diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni.
- ▶ L-iżvilupp ta' **Akkademja tal-Għalliema tal-UE onlajn** li tipprovi korsijiet onlajn dwar kwistjonijiet bħall-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jittejjeb it-tagħlim ta' kwalità, jew metodoloġiji ġodda għal tagħlim tal-lingwi.
- ▶ Il-ħolqien ta' **premju għall-Għalliem tas-Sena tal-UE** li jingħata għal tagħlim ta' kwalità għolja u innovattiv u għal attivitajiet ta' kooperazzjoni transnazzjonali eżemplari. L-objettiv ikun li jiġi promoss ir-rikonoxximent pubbliku għall-professjoni tal-għalliem fl-Ewropa.
- ▶ L-UE tirrinforza d-**djalogu soċjali dwar l-edukazzjoni** b'enfasi partikolari fuq il-karrieri tal-għalliema.



## INIZJATTIVI POSSIBBLI B'PERSPETTIVA GħALL-2025

- ▶ **Mal-1,5 miljun għalliem, mexxejja ta' skejjel u persunal edukattiv ieħor** li jipparteċipaw fi programmi ta' skambju (Erasmus+) fl-Ewropa kollha biex jikkomplementaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom.

L-ambizzjoni politika jenħteġ li tiġi allinjata mal-mezzi ta' azzjoni u tiġi riflessa fid-diskussjonijiet futuri dwar il-finanzi tal-UE.